MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1857/2004

**V. Demajo & Bros.**

**Vs**

**Uniservices Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Ottubru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm431.31 (erba` mija u wiehed u tletin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' ghodda mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lid-ditta attrici s-somma ta' erba` mija u wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm431.31) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' ghodda lilha mibjugha u konsenjati mid-ditta

attrici u liema ammont jinkludi l-imghax kummercjali kalkolat sal-1 ta' April 2004.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 17 ta' Mejju 2004 u bl-imghax kummercjali ulterjuri mit-2 ta' April 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta, minn issa ingunta ghas-subizzjoni.
Ra n-nota ta' ammissjoni tas-socjeta` konvenuta prezentata seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa` it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm431.31 bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------